MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 732/2002/1

**Futura Home Appliances Co. Ltd.**

**vs**

**Emanuel Degiorgio**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm721.79), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-bejgh u konsenja ta' oggetti (Dok.A);**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji ta' l-10 ta' Jannar, 2002 u tat-13 ta' Frar, 2002, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Frank Cassar ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm721.79) bl-imghax legali mis-26 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittri bonarji ta' l-10 ta' Jannar, 2002 u tat-13 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**